



Brussell, 19 ta' Novembru 2021  
(OR. en)

14164/21

COH 67  
CADREFIN 452  
POLGEN 188  
ECOFIN 1118  
ENV 916  
TRANS 692  
PECHE 444  
JAI 1270  
ENER 517  
MI 869  
MAR 222  
COMPET 852  
AGRI 567  
SUSTDEV 164  
RECH 526

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|                           |                                                                                                                                                                  |
|---------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                     | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                 |
| fi:                       | 19 ta' Novembru 2021                                                                                                                                             |
| lil:                      | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                 |
| Nru. dok. preċ.: 13195/21 |                                                                                                                                                                  |
| Suġġett:                  | L-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju (EUSAIR)<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Novembru 2021) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju (EUSAIR), approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali/Koeżjoni) fit-3827 laqgħa tiegħu fit-18 ta' Novembru 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-EUSAIR**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

- (1) WAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2014<sup>1</sup>, li approvaw l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju (EUSAIR) ibbażata fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2014<sup>2</sup>;
- (2) WAQT LI JIKKUNSIDRA d-Dikjarazzjoni ta' Izola tal-11 ta' Mejju 2021 fejn il-Laqgħa Ministerjali Kunsill Adrijatiku u Jonju/EUSAIR wiegħbet b'mod pożittiv għat-talba mressqa mir-Repubblika ta' San Marino biex issir l-għaxar Pajjiż Parteċipant tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju u pproponiet li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jieħu l-passi kollha meħtieġa għall-inklużjoni ta' San Marino fl-EUSAIR;
- (3) WAQT LI JIKKUNSIDRA l-ittra tal-15 ta' Ġunju 2021 mill-erba' stati membri tal-UE tal-EUSAIR (il-Kroazja, il-Greċja, l-Italja u s-Slovenja) lill-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-UE fejn talbuha tniedi l-proċedura fil-Kunsill għall-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-EUSAIR, u WAQT LI JINNOTA t-tweġiba tal-Presidenza Portugiża tat-28 ta' Ġunju 2021;
  - A. JILQA' u JAĊĊETTA t-talba mressqa mill-pajjiżi parteċipanti fl-EUSAIR għall-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-EUSAIR;
  - B. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi meħtieġa għall-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-EUSAIR u biex tippreżenta lill-Kunsill Strateġija emendata skont dan.

---

<sup>1</sup> Dok. 13503/14.

<sup>2</sup> Dok. 10675/14.